

**MT**

**MT**

**MT**



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 3.3.2009  
KUMM(2009) 97 finali

Proposta għal

### DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar Pożizzjoni Komunitarja rigward il-parteċipazzjoni fil-Komitat Konsultattiv  
CARIFORUM-KE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati  
CARIFORUM, min-naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-  
oħra u dwar l-għażla tar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet fil-Parti tal-KE**

(preżentata mill-Kummissjoni)

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati CARIFORUM, min-naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ġie iffirmat fil-15 ta' Ottubru 2008, u kien applikat provviżorjament sa mid-29 ta' Diċembru 2008. Il-Ftehim iħaddan, fl-Artikolu 5 tiegħu, monitoraġġ bħala wieħed mill-elementi ewlenin fis-Sħubija għal Żvilupp Sostenibbli li l-Ftehim jistabbilixxi. B'żieda ma' dan, il-kapitolu istituzzjonali fih dispożizzjonijiet speċifiċi fuq monitoraġġ, b'dan il-mod jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni effettiva ta' attività bħal din. Il-Kumitat Konsultattiv CARIFORUM-KE stabbilit mill-Artikolu 232 tal-Ftehim se jkollu rwol partikolarment importanti. Il-Kunsill hu mitlub jiddeċiedi dwar il-parteċipazzjoni tal-KE fil-Kumitat Konsultattiv, bil-għan li tkun żgurata rappreżentazzjoni wiesgħa tal-partijiet interessati kollha. F'dan ir-rigward il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) hu lest li jkun strumentali fl-għażla tar-rappreżentanti Ewropej għall-Kumitat Konsultattiv CARIFORUM-KE, u sabiex ikun żgurat is-segretarjat ta' dak il-Kumitat fid-dawl tal-esperjenza konsiderevoli tiegħu fil-koordinazzjoni ta' korpi konġunti ta' natura simili, u l-fatt li l-KESE diġà jwettaq djalogu regolari ma' oħrajn bħalu f'pajjiżi tal-AKP.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar Pożizzjoni Komunitarja rigward il-parteċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv CARIFORUM-KE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati CARIFORUM, min-naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra u dwar l-għażla tar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet fil-Parti tal-KE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 300(2), it-tieni sotto paragrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni<sup>1</sup>,

Wara li kkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati CARIFORUM, min-naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra<sup>2</sup>, ġie ffirmat fil-15 ta' Ottubru 2008, u kien applikat provviżorjament sa mid-29 ta' Diċembru 2008.
- (2) L-Artikolu 232(2) tal-Ftehim jstabbilixxi għal Kunsill Konġunt tiegħu biex jiddeċiedi dwar il-parteċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv CARIFORUM-KE, bl-għan li tkun żgurata rappreżentazzjoni wiesgħa tal-partijiet interessati kollha.
- (3) Huwa kruċjali li jkun żgurat t-twaqqif mgħaġġel tal-istituzzjonijiet stabbiliti mill-Ftehim, u partikolarment il-Kumitat Konsultattiv CARIFORUM-KE, fid-dawl tar-rwol tiegħu fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim.
- (4) Proċedura interna tal-Komunità għandha tiġi stabbilita biex tagħżel rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet fil-Parti tal-KE.
- (5) Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew esprima r-rieda tiegħu biex jgħin fl-identifikazzjoni u l-għażla ta' rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet fis-soċjetà ċivili Ewropea, u biex inizjalment jieħu ħsieb is-segretarjat tal-Kumitat Konsultattiv,

---

<sup>1</sup> ĠU

<sup>2</sup> ĠU L 289, 30.10.2008, p. 3

## IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni Komunitarja fir-rigward tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt tal-Fehim li twassal għall-għażla ta' membri permanenti tal-Kumitat Konsultattiv CARIFORUM-KE (minn hawn 'il quddiem "il-Kumitat") stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati CARIFORUM, min-naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, għandha tiġi bbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni (minn hawn 'il quddiem "l-Anness").

### *Artikolu 2*

1. Rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet Ewropej iddefiniti fl-Artikolu 1.1(a) tal-Anness għandhom ikunu proposti mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni għall-approvazzjoni mill-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp CARIFORUM-KE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew se jintalab biex jistabbilixxi rosters tal-organizzazzjonijiet iddefiniti fl-Artikolu 1.1(b) u 1.1(c) tal-Anness. Dan għandu jseħħ billi tingħata pubbliċità kbira lil sejħa għall-wiri ta' interess biex tiġi inkluża f'roster bħal din. Fir-risposta għal sejħa bħal din kull organizzazzjoni interessata għandha tiddeskrivi kif tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 1 tal-Anness. Ir-rosters għandhom jibqgħu miftuħa għal kull organizzazzjoni li tissodisfa r-rekwiżiti ta' dik id-dispożizzjoni li għandha tiġi inkluża. Organizzazzjonijiet inklużi fir-rosters għandhom jinżammu infurmati b'mod speċjali bil-ħidma tal-Kumitat.
3. Fis-sejħa għall-wiri ta' interess, organizzazzjonijiet għandhom ukoll jiġu mistiedna biex juru interess f'wieħed mir-rappreżentanti tagħhom biex iservi bħala membru permanenti tal-Kumitat. L-Organizzazzjonijiet inklużi fir-rosters se jkunu msejħa sussegwentament biex japprovaw il-kandidatura sa żewġ rappreżentanti permanenti għall-Kumitat, fost dawk li jkunu wrew interess bħal dan. Il-parti tal-KE għandha tipproponi lill-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp CARIFORUM-KE bħala membri permanenti għall-kategoriji 1.1(b) u 1.1(c) lil dawk ir-rappreżentanti li jkunu rċevew l-aktar approvazzjoni.
4. Sejħa għall-wiri ta' interess biex iservu bħala membri permanenti tal-Kumitat għandha titnieda erba' xhur qabel l-iskadenza tal-mandat tal-membri li qed iservu fil-Kumitat. In-nomina għandha ssegwi l-istess proċeduri stipulati f'paragrafu 3.

Magħmula fi Brussell, [...]

*Għall-Kunsill  
Il-President  
[...]*

## ANNEX

### DEĊIŻJONI Nru .../2009 TAL-KUNSILL KONĠUNT

**stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati CARIFORUM, min-naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra dwar il-parteciċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv CARIFORUM-KE**

IL-KUNSILL KONĠUNT CARIFORUM-KE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati CARIFORUM, min-naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-“Ftehim”), iffirmat fi Bridgetown, Barbados fil-15 ta' Ottubru 2008, u partikolarment l-Artikolu 232 (2) tiegħu,

Billi:

Fid-dawl tal-għanijiet stipulati fl-Artikolu 1 tal-Ftehim, u l-impenn lejn il-monitoraġġ tiegħu stabbilit fl-Artikolu 5 tiegħu, huwa xieraq li jitwaqqaf mingħajr dewmien il-Kumitat Konsultattiv CARIFORUM-KE,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

#### *Artikolu 1*

1. Partiċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv CARIFORUM-KE (minn hawn 'il quddiem “il-Kumitat” għandha tkun magħmula minn [...] membri permanenti fir-rappreżentazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, [...] fir-rappreżentazzjoni tal-organizzazzjonijiet fl-Istati tal-CARIFORUM u [...] fir-rappreżentazzjoni tal-organizzazzjonijiet fil-Parti tal-KE.

Fost kull wieħed ta' dawn iż-żewġ gruppi għandu jkun hemm mill-inqas żewġ rappreżentanti minn organizzazzjonijiet li jirrapreżentaw rispettivament:

- (a) l-imsieħba soċjali u ekonomiċi,
- (b) il-komunità akkademika, u
- (c) organizzazzjonijiet mhux governattivi, inklużi l-organizzazzjonijiet tal-iżvilupp u ambjentali.

Membri permanenti għandhom jibqgħu fil-kariga għal sentejn. Għarfien espert rilevanti u rappreżentazzjoni ġeografika u settorjali wiesgħa għandhom ikunu żgurati.

2. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, organizzazzjonijiet ta' soċjetà ċivili għandhom ifissru assoċjazzjonijiet, fondazzjonijiet u istituzzjonijiet privati oħra b'għan mhux ta' profitt ta' utilità internazzjonali u li huma kapaċi li jikkontribwixxu għarfien espert jew parir fi kwistjonijiet koperti minn dan il-Ftehim, jew li jirrappreżentaw elementi importanti ta' opinjoni pubblika dwar kwistjonijiet koperti mill-Ftehim. Dan ir-rekwiżit jista' jiġi rrevokat f'każ ta' istituzzjonijiet akkademiċi b'għarfien espert speċifiku fuq kwistjonijiet koperti minn dan il-Ftehim.
3. Organizzazzjoni tista' titqies li tkun f'territorju jew ta' Stati CARIFORUM jew ta' Parti tal-KE jekk organizzazzjoni bħal din ikollha kariga statutorja u tmexxija u kontroll ċentrali fit-territorju tal-Istati CARIFORUM jew tal-Parti tal-KE skont ma jkun il-każ.

#### *Artikolu 2*

Il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp CARIFORUM-KE għandu jiddiskuti u japprova mingħajr dewmien il-lista tal-membri permanenti proposti mill-Istati CARIFORUM u l-Parti tal-KE rispettivament, u t-tiġdid tiegħu.

#### *Artikolu 3*

Kull organizzazzjoni li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 1 tista' tattendi l-laqgħat tal-Kumitat Konsultattiv CARIFORUM-KE bħala osservatur. Madankollu, membri permanenti biss jistgħu jirċievu assistenza finanzjarja għat-twettiq ta' dmirijietom fi ħdan il-Kumitat.

#### *Artikolu 4*

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għandu jservi bħala s-segretarjat tal-Kumitat għal perjodu inizjali li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2010. Dan il-perjodu għandu jiġi mġedded awtomatikament sakemm il-Partijiet jew il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ma jaqbilx permezz ta' notifika bil-quddiem li tkun ingħatat qabel u tkun raġonevoli.

#### *Artikolu 5*

Arranġamenti ta' finanzjament għandhom jiġu stabbiliti mill-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp CARIFORUM-KE.

#### *Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-[...]

Magħmula fi [...] 2009